# Il-Ħitan tal-Knisja ta' San Pawl tal-Mosta Jitkellmu

MINN JOSEPH MUSCAT

❑ Meta tħares mill-qrib ħafna lejn il-faċċata u l-ħajt tax-xellug tal-knisja ta' San Pawl Nawfragu ta' Wied il-Qliegħa, il-Mosta, għandek tara xi tpinġijiet minquxin fuq il-ġebla u li ilhom hemm mijiet ta' snin. Dawn huma graffiti li kienu magħmulin b'xi ponta rqiqa tal-ħadid iżda mhux minn min ma kellux x'jagħmel. Hemm storja wara dawn il-graffiti u min għamilhom kien imqanqal minn ħsieb reliġjuż għax huma għamla ta' *ex voto* jew wegħda. Malta u Għawdex huma miżgħudin bi knejjes li mal-ħitan tagħhom tara dan il-wirt reliġjuż iżda din tal-Mosta hi waħda mill-ftit li fuqhom issib għadd kbir ta' graffiti li l-biċċa l-kbira sewwa tagħhom juru bastimenti tal-qlugħ.[1]

Din il-knisja hi waħda mill-ftit li ma ratx fuqha t-tibjid ta' kull sena kif ġara fuq ħafna oħrajn. B'xorti tajba jista' wieħed jifli l-ħitan sewwa bla tfixkil ta' xejn għalkemm jidher xi ftit dak il-fdal ta' ħaxix, illum niexef, magħruf bħala likni u li f'xi nħawi żgħar tellef xi ftit lid-dehra tal-graffiti. Jekk wieħed irid jara l-graffiti fl-aqwa tagħhom iħares lejn dawk tal-ħajt tax-xellug filgħodu mid-disgħa 'l quddiem iżda dawk tal-faċċata jidhru sew mill-ħamsa ta' wara nofs in-nhar 'il quddiem.

Meta wieħed iħares lejn dawn il-graffiti irid iżommhom talli huma; dawn mhumiex opri ta' l-arti. Ma kinux maħsubin bħala parti minn xi dekorazzjoni tal-knisja iżda biss bħala espressjoni ta' pietà popolari reliġjuża. Għalhekk f'dawn il-graffiti tara disinn sempliċi, kemm kemm jidhru, b'linji ħfief li juru disinn ċatt bla ebda dehra tridimensjonali qisek qed tara xi disinn Eġizzjan. Niftehmu, nstabu graffiti marittimi Maltin il-ġmiel tagħhom għax min għamilhom kien jaf x'qed jagħmel. Dawn tal-knisja ta' San Pawl ma jinqatgħux għalihom; fil-biċċa l-kbira tagħhom huma fqar u ma jurux xi ħila kbira f'min naqqaxxhom.[2] Iżda billi nstabu ħafna ma' din il-knisja jkollna ngħidu li għal xi raġuni jew oħra l-knisja gawdiet popolarità kbira tul iż-żminijiet.

Għaliex disgħin fil-mija jew xi ftit iżjed ukoll tal-graffiti li naraw mal-ħitan ta' din il-knisja jirrappreżentaw bċejjeċ tal-baħar? Dan hu fenomenu li ssibu kważi mxerred kullimkien kull fejn issib il-graffiti. Qabel nagħti xi raġuni, ara kif graffiti bħal dawn ta' bastimenti tal-qlugħ għebu mal-bidu tas-seklu għoxrin. Ikollok tgħid li kif il-bniedem induna bil-qawwa ta' l-istim u ta' l-azzar it-tinqix ta' graffiti ta' bastimenti tal-qlugħ spiċċa għal kollox. Il-bniedem qisu ma baqax iserraħ fuq l-għajnuna li tiġi minn Alla jew mill-qaddisin tiegħu.[3] Il-baħar sa minn dejjem kien ifisser ħafna għal bniedem u l-bastimenti kienu l-aħjar mezz biex tmur minn pajjiż għal ieħor. Dan li għedna għall-gżejjer Maltin jgħodd ukoll għal barra minn Malta. Dejjem instabu ma' kullimkien wisq iżjed graffiti ta' bastimenti milli ta' simboli oħra.

B'xorti tajba mal-ħitan ta' din il-knisja nistgħu naraw graffiti mhux imbagħbsin wisq mill-vandali ta' żmienna. Ma' rappreżentazzjonijiet ta' bċejjeċ tal-baħar jidhru wkoll simboliżmi bħal m'huma l-pala ta' l-id, l-għasfur, qatta' tiben, it-trija u s-slaleb tat-tmien ponot. Ta' min isemmi wkoll it-toqob li ssib ma' xi graffiti li kienu għamla ta' dekorazzjoni li forsi kellha l-għeruq tagħha fiż-żmien Puniku.[4]

L-unika trija li kien hemm fuq l-għatba tal-bieb prinċipali turi li forsi hemm kien xi darba dabbar rasu xi ħadd li kien kisirha mal-ġustizzja. Nafu li fl-antik kull knisja kienet tgawdi l-immunità u li ħadd ma seta' jidħol fi knisja u mqar fuq iz-zuntier tagħha biex jarresta xi bniedem li jkun dabbar rasu hemmhekk.[5]

Is-simbolu tal-pala ta' l-id fih l-istorja tiegħu, ukoll. L-għeruq tad-drawwa jmur lura sa żmien il-Kartaġiniżi iżda kompliet tinfirex imħabba l-Mislem. L-id ta' Fatma għadek taraha llum fil-pajjiżi Għarab.[6] Ikolli ngħid li f'Malta l-istess simbolu ħa tifsira ta' talba lil Alla għalkemm illum għadek tista' tara minnhom li tnaqqxu ftit ilu biex bħallikieku wieħed jgħid 'jien kont hawn!'

Jidher graffit ta' għasfur jew ta' tajra li s'issa ma jistax wieħed jorbot xi tifsira miegħu. Iżda qed jiġri li graffiti bħal dak qed ifiġġu 'l hawn u 'l hinn u għalhekk ta' min jagħti kashom.

Mhux faċli tgħid għaliex fost il-ħafna graffiti ta' bastimenti li nstabu ma' din il-knisja, wieħed jew tnejn biss minnhom juru l-bandiera ta' l-Ordni. Ma' dawn tara wkoll ħjiel ta' żewġ graffiti ta' slaleb tat-tmien ponot. U meta tħares lejn l-għamliet ta' bastimenti li jidhru wieħed biss jagħti

Għal paġna 81

*Minn paġna 79*

lemħa lill-galera ta' l-Ordni.[7]

Ma' kull deskrizzjoni qasira ta' kull graffit tara numru li jidher ukoll fuq il-pjanta tal-ħajt u tal-faċċata hekk wieħed ikun jista' jara b'għajnejh il-graffiti f'posthom. Fl-interpretazzjoni ta' graffiti bħal dawn wieħed ma jistax iħalli fantasitu tiġri bih. Ma tistax tara dak li ma jidhirx fi graffit għalhekk it-tifsir jinżamm kemm jista' jkun fil-limiti tas-sens komun għalkemm xi kliem tekniku jagħti xi ftit tal-ħajja lil-linji mejtin ta' graffit.



*Il-faċċata*

***Il-faċċata tal-knisja:-***



1 Jidher mal-pilastru tax-xellug tal-faċċata dak li qisu s-simbolu tas-salib tat-tmien ponot. Jagħti lemħa wkoll lil xi rota ta' karettun.

2 Dan hu mirkeb x'aktarx merkantili b'żewġt iqlugħ u gverta waħda. It-toqob li jidhru taħt iċ-ċinta huma dekorazzjoni u mhux indikazzjoni ta' mqadef jew ta' kanuni. Id-disinn hu sempliċi ħafna u nieqes mid-dettalji.



3 Il-bastiment li jidher armat bi tlitt iqlugħ hu 165ċm twil, l-ikbar wieħed fost il-graffiti li nstabu mal-ħitan ta' din il-knisja u wieħed mill-kbar fost il-ftit bħalu li jinsabu fil-gżejjer Maltin. Taralu tliet ċinet mill-pruwa sal-poppa u bejn l-ewwel u t-tieni waħda hemm it-toqob. Il-poppa hi għolja ħafna u tara fuqha bandiera bi tliet taqsimiet. Mill-pruwa tara ħiereġ it-taljamar u hemm tara wkoll il-pupress armat biex jieħu iżjed minn sivadiera waħda. L-arbli jidhru li huma armati bil-qlugħ kwadri iżda huma nieqsa minn ħafna dettalji.

4 Mal-pilastru tax-xellug tal-bieb issib graffit ieħor tas-salib ta' l-Ordni ta' San Ġwann bil-ponot tiegħu magħqudin kollha flimkien. Ta' min wieħed jinnota li mal-faċċata jidhru l-uniċi żewġ simboli tal-Kavallieri u graffiti bħal dawn issibhom ma' bosta bini ieħor fil-gżejjer Maltin u juru l-influwenza kbira li kellu l-Ordni f'Malta.

5 Il-buk jew iż-żaqq ta' dan il-mirkeb hu għoli ħafna mill-ilma, qisu mhux komplut u bi xprun ħiereġ mill-pruwa. Minn dik li qisha l-poppa ħiereġ bħal xprun ieħor qrib il-livell ta' l-ilma. Il-bandiera ma turi l-ebda simbolu u jidhru biss bħal żewġ arbli n-naħa tal-poppa, mill-bqija l-attrezzatura tal-ħbula hi nieqsa għal kollox.



6 Ma' l-ewwel daqqa t'għajn dan jidher li hu graffit ta' bastiment li ma tkompliex. Tidher ir-rota tal-pruwa tiela' għolja ħafna għat-tond minn mal-prim u minnha ħiereġ l-ixprun. Ma tista' tgħid xejn iżjed dwar dan il-graffit ħlief li qribu tara xi fdal ta' ħżuż oħrajn li forsi xi darba kienu ta' xi bastimenti iżda issa li għaddew ħafna snin minn fuqhom għebu kważi għal kollox.

7 Qrib il-pilastru tal-lemin tal-bieb jidher graffit ta' mirkeb stramb ħafna. Bla ma wieħed joqgħod ifettaq iżżejjed dwaru ngħidu li min naqqxu ma tantx kien ta' l-affari tiegħu. Jidher buk baxx ħafna ma' l-ilma bil-poppa u bil-pruwa li jogħlew sew 'l fuq. Jidhru bħal tliet arbli u dak ta' quddiem għandu miegħu s-sarsi. Fuq il-pruwa tidher bħal bandiera tal-flotta Ingliża u l-graffit għandu miegħu d-dekorazzjoni bit-toqob u mal-pruwa jidhru linji żgħar forsi għamla ta' dekorazzjoni oħra.



8 Kważi ħdejn l-għatba tal-bieb, in-naħa tal-lemin, niltaqgħu ma' għamla ta' mirkeb bil-buk għoli ħafna mill-ilma, għandu ċinta waħda u bit-toqob żgħar tas-soltu. Kurjuża ħafna hi r-rota għolja u wiesa' li tidher fil-pruwa, jidher arblu wieħed armat bil-qlugħ kwadri u ieħor nieqes minn kollox. Bħal ta' qablu dan hu graffit ta' bastiment indefinibbli.

9 Mat-tielet filata, in-naħa tal-lemin tal-bieb, tara pala ta' l-id xi ftit mgħarrqa u qisha mhix kompluta. Jekk tħares sew għandek tinduna li l-graffit tnaqqax fuq xi ieħor iżda li ma jintgħarafx. Ma' l-id tara xi linji dritti u t-tiżjin bit-toqob.

10 Fil-qrib ta' dan il-graffit jidhru żewġ pali oħra ta' l-idejn. Jidher ċar li dawn tnaqqxu fuq graffit ieħor ta' mirkeb wisq iżjed antik mill-pali ta' l-idejn. Ta' min jgħid hawn li dawn il-graffiti ta' l-idejn huma antiki u li jista' jkun li jfissru li kienu saru bħala talba lil Alla.

11 Filata 'l fuq mill-graffiti ta' l-idejn tara ieħor uniku ta' qatta' tal-qamħ. Ma nafx x'tista' tgħid dwar graffit bħal dan ħlief li min għamlu, forsi xi gabillott ta' qrib il-knisja, għamel talba kif kien jaf hu billi ħalla għamla ta' xogħol idejh.

*Għal paġna 82*

*Minn paġna 81*




12 Qrib il-pilastru tal-lemin tal-faċċata tara graffit ta' mirkeb li forsi hu wieħed mill-ftit ta' din il-knisja li tista' tgħid x'inhu. Hawn għandna graffit ta' bastiment bil-buk baxx ma' l-ilma, jidhru xi mqadef qrib il-poppa u bl-arblu tan-nofs forsi armat bi qlugħ latin. Dan jista' jkun graffit ta' galera.[8] L-arblu ta' quddiem hu nieqes minn kollox.




13 Mat-tmien filata tal-pilastu tal-lemin tilmaħ graffit ta' mirkeb mhux komplut; tidher biss il-poppa (jew forsi hi l-pruwa?). Wieħed ma jridx jinsa li ż-żmien għamel tiegħu fuq bosta graffiti u dawk li jidhru forsi mhux kompluti jista' jkun li għosfru mħabba l-ħsara fil-ġebla.




14 In-naħa tal-lemin ta' wiċċ l-għatba tara l-logħba tat-trija li forsi hi sinjal li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja seta' kien hemm xi ħadd li kellu ż-żmien x'jaħli. Min jaf kienx xi ħadd maħrub mil-liġi u dabbar rasu hemm fuq iz-zuntier li fl-antik kien igawdi l-immunità bħal bqija tal-knisja?[9]




15 Fuq is-sitt filata u qrib il-pilastu tal-lemin tal-bieb tara graffit ta' bastiment jew dak li baqa' minnu. Dan għandu buk għoli, tliet arbli, pruwa tiela' għat-tond u l-poppa hi għaċ-ċatt u fuqha hemm arblu bla bandiera. Ma' l-arblu tan-nofs tara dawk li qishom is-sarsi iżda mill-bqija d-diżinn hu wieħed fqir u nieqes għal kollox mid-dettalji.

***Il-ħajt tax-xellug:-***

Meta niġu għall-ħajt tax-xellug tal-knisja nsibu mhux inqas minn dsatax-il graffit ieħor. Ma ssibx minnhom ogħla mis-seba' filata. Billi ma' dan il-ħajt issib xi ftit tal-ħsara x'uħud mill-graffiti batew minħabba l-qirda li jġib miegħu ż-żmien. Jista' jkun li xi wħud minn dawn il-graffiti qishom xogħol tat-tfal iżda b'danakollu kollha kemm huma fihom is-seħer ta' dak li ma jidhirx; min għamilhom ried jagħti qima lil Alla.



*Il-ħajt tax-xellug*

1 Qrib il-pilastru tax-xellug tal-bieb tal-ġenb tara graffit tassew stramb. Għandu buk għoli bil-poppa ċatta u l-pruwa ma tafx kif tispiċċa. Jidhru kieku tliet arbli iżda bla dettalji ta' xejn. Fuq żewġ arbli jidhru żewġ bnadar u waħda forsi tixbaħ lil ta' l-Ordni.




2 Graffit ieħor bil-buk qisu ġewża, għoli mill-ilma, b'żewġ arbli u bandiera minnhom tagħti lemħa lil dik tal-Kavallieri. Hawn għandna każ ieħor ta' mirkeb indefinibbli, xogħol fqir bla dettalji ta' xejn iżda l-graffit hu wieħed li sar mijiet ta' snin ilu.




3 Hawn għandna graffit sempliċi ieħor li miegħu jidhru żewġ bukijiet wieħed fuq l-ieħor; min jaf x'kellu f'moħħu min għamel xogħol bħal dan? Is-sabiħa qegħda hawn, li l-bukijiet ifakkruk f'dawk li tara fit-Tempji ta' Ħal Tarxien li saru 1600 q.K.[10] Meta tħares lejn il-qlugħ marbut minn fuq u minn taħt ma' l-arblu ifakkruk fi graffiti li nstabu barra minn Malta.[11]

4 Dan hu l-uniku graffit ta' mirkeb li tista' ssejjaħlu b'ismu, voldieri galera tas-seklu sbatax. Ħasra li l-ġebla hawn hi batuta xi ftit u l-poppa sofriet minħabba l-ħsara. Jekk wieħed iħares sewwa jinduna li taħt il-galera kien hemm xi taħżiż ieħor. Minkejja dan kollu hawn għandna forsi l-isbaħ graffit tal-kollezzjoni kollha ta' din il-knisja. Ara kif il-buk hu baxx ma' l-ilma, il-poppa xi ftit għolja, il-pruwa għandha l-ixprun twil ħiereġ 'il barra u maż-żewġ arbli jidhru l-qlugħ latini. Ma' l-arblu ta' wara jidhru s-sarsi iżda l-qlugħ tilef xi ftit mis-sbuħija tiegħu. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għat-trinkett jew l-arblu ta' quddiem li għalkemm għandu s-sarsi miegħu b'danakollu l-qlugħ tilef xi dettalji.




*Għal paġna 83*

*Minn paġna 82*

7


5 Mirkeb ieħor indefinibbli juri biċċa minnu, bil-poppa f'postha, arblu wieħed bi qlugħ kwadru wieħed bil-pinnur tiegħu mwieżen sew bil-bracċi. Is-sarsi jidhru ma' l-arbli iżda qishom qegħdin fuq in-naħa biss ta' min iħares. Dan kien il-mod ċatt kif ipinġu graffit billi ġeneralment min kien inaqqaxhom ma kellux l-iċken ħjiel tal-liġijiet tat-tpinġija bil-perspettiva tagħha. Il-pruwa ta' dan il-graffit hi mitlufa għal kollox.

9


6 Mar-raba' filata tan-naħa tax-xellug tal-bieb tal-ġenb issib dak li fadal minn graffit ta' mirkeb bla isem. Għadhom jidhru biss minnu biċċa mill-buk li hu għat-tond, arblu wieħed bil-qlugħ mifrux miegħu u b'xi mod jidhru wkoll il-veres tiegħu. Il-poppa hi mitlufa għal kollox għalkemm fuqha hemm dak li forsi kien l-arblu tal-bandiera.

7 Fuq il-ħames filata mill-għatba tal-bieb tal-ġenb u man-naħa tal-lemin tiegħu tara għamla ta' galera iżda jidher li batiet sewwa minħabba ż-żmien li għadda minn fuqha. Il-buk hu baxx ħafna ma' l-ilma bil-poppa tiela' 'l fuq. Jidher l-arblu tal-majjistra jew dak tan-nofs mogħni bis-sarsi tiegħu iżda x-xeħta tal-qlugħ latin hu lura wisq minn dan l-arblu. Jidher bħal arblu ieħor quddiem iżda wara kollox dan il-graffit hu nieqes wisq mid-dettalji.

11


8 Dan hu mirkeb ieħor li bilkemm tista' tgħid x'inhu. Il-poppa mhix kompluta jew aħjar ngħidu ntilfet biż-żmien u l-pruwa ma fiha gost ta' xejn. Jidhru żewġ arbli u dak ta' quddiem għandu għamla ta' qlugħ latin u l-arblu l-ieħor għandu qlugħ kwadru. Fuq il-poppa forsi xi darba kien hemm l-arblu bil-bandiera miegħu.

9 Dan hu l-uniku graffit f'din il-kollezzjoni li juri bastiment kbir ta' qlugħ kwadri u bil-poppa tidher mhux ħażin. Jista' wieħed jara l-arbli tat-trinkett u tal-majjistra armati bil-qlugħ kwadri waqt li l-mezzana armata bi qlugħ latin; il-pupress hu mitluf għal kollox. Iż-żewġ bnadar li jidhru ma tistax tgħid x'inhuma.

13


10 Hawn għandna każ ta' graffit magħmul minn toqob żgħar, mhux komplut jew forsi l-bqija tat-tinqix tiegħu ntilfu maż-żmien.

11 Dan hu wieħed mill-ftit simboli li ssib ma' ħitan u postijiet oħra. Il-graffit ta' għasfur jew ta' tajra ma ssibx tifsira għalih għalissa, iżda hemm hu u wieħed ma jistax jinjorah.

12 Mar-raba' filata 'l fuq mill-għatba tal-bieb tara graffit ta' xini baxx ma' l-ilma, poppa għolja u mgħammar b'żewġ arbli ta' qlugħ latin. Ħasra li l-graffit hu nieqes minn kull ħjiel ta' attrezzatura tal-ħbula. Ikolli ngħid li l-graffit tilef ħafna mis-sbuħija tiegħu minħabba l-ħsara fil-wiċċ tal-ġebla li jġib miegħu ż-żmien.

13 Sa fl-aħħar jidher graffit ta' mirkeb tal-merkanzija komplut. Il-buk hu għoli mill-ilma, għandu xprun fil-pruwa u l-poppa għandha bandiera ta' l-Ordni fuqha. Ta' min jagħti kas ta' dak li jidher li hu l-padrun tal-mirkeb, wieqaf dritt dritt fuq il-poppa. Iż-żewġt iqlugħ latini jidhru bil-veres tagħhom u mal-ġenb jidhru wkoll xi toqob żgħar.

14


14 Dan hu graffit ieħor sempliċi nieqes mid-dettalji iżda jagħti lemħa lil xi xini tal-ġlied. Il-pruwa hi armata bl-ixprun u warajh tidher dik li qisha r-rambata iżda l-poppa tispiċċa għat-tond, bil-ponta. Ix-xini hi armata b'żewġt iqlugħ latini. Ma tidher ebda attrezzatura tal-ħbula.

15


15 Hawn għandna graffit ieħor ta' xini armat bir-rambata fil-pruwa, bl-ixprun u arblu wieħed ta' qlugħ latin. Il-poppa ma tistax tgħid x'inhi. Ikolli ngħid, jew li l-graffit mhux komplut jew li ż-żmien għamel tiegħu.

16 Fil-baxx, u f'livell ma' l-għatba, tara bħal żewġ arbli armati

*Għal paġna 84*

*Minn paġna 83*




bil-pniener tal-qlugħ kwadri. Mill-buk ma jidher xejn ħlief il-linja tal-bardnell. Dan hu xogħol ieħor mhux komplut.

17 Dan hu graffit xi ftit kbir li ma jurix ħlief ftit linji. Il-buk jidher bla pruwa waqt li l-poppa turi għamla ta' xi ħaġa. Il-linji weqfin jagħtu ħjiel ta' l-arbli iżda ma taralhomx l-iċken sinjal ta' l-attrezzatura tal-ħbula.

18 Qrib il-pilastru tal-lemin, kantuniera mal-faċċata, tidher għamla ta' pala ta' l-id. U jekk wieħed joqgħod jifli sewwa għandu jara fdal ta' pali oħra 'l hawn u 'l hinn.

19 U biex bħallikieku wieħed ma jħalli xejn barra nsemmu dak li jidher qisu graffit ta' buk ta' mirkeb iżda nieqes minn kollox.

Dawn il-graffiti nistgħu ngħidu li juru bastimenti ta' bejn l-aħħar tas-seklu sbatax sa l-aħħar tas-seklu ta' wara; forsi hemm xi wieħed jew tnejn ta' nofs is-seklu dsatax. B'xorti tajba dawn il-graffiti ma sofrewx ħafna mill-vandali ta' żmienna għalkemm jekk wieħed jifli sewwa xi partijiet tal-ħitan jintebaħ li xi graffiti ġenwini tnaqqxu fuq oħrajn eqdem minnhom. Dan seta' sar minħabba n-nuqqas ta' spazju mal-ħitan. Wieħed ma jridx jinsa li din id-drawwa tal-grif tal-graffiti ma kellha l-ebda riħa ta' xi rit liturġiku għalhekk ma kien hemm l-ebda rbit ta' xi regolamenti min-naħa tal-Knisja. Ħarsa ġenerali lejn il-graffiti Maltin tinduna li kien hemm ċertu rispett hekk li wieħed ma kienx jiżgraffi l-wegħda tiegħu fuq dik ta' ħaddieħor. Fil-każ tagħna seta' kien hemm nuqqas ta' spazju u għalhekk insibu xi graffiti ġenwini fuq xulxin.

M'għandux wieħed jifhem li fil-każ ta' din il-knisja seta' kien hemm xi komunità partikulari li ħalliet ħafna graffiti magħha. Hu diffiċli ħafna biex tifhem sew kif tibda r-rabta ma' knisja u mhux ma' oħra. Jista' jkun li, billi fil-każ tagħna, l-knisja hi ddedikata lil San Pawl Nawfragu, kellha d-devoti tagħha. Min-naħa l-oħra, wieħed irid jiftakar, li għallinqas sal-bidu tas-seklu tmintax, il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl ma kenitx waħda tal-preċett.[12]

Mhux faċli tispjega kif f'din il-kollezzjoni tara ftit li xejn bastimenti ta' l-Ordni. Jidhru bosta mriekeb ta' qlugħ latin iżda f'każ wieħed biss jidhru xi mqadef f'posthom. Biex tagħqad ħafna mill-graffiti qishom mhux kompluti għalkemm hawn ma tistax tħalli barra l-każi fejn xi wħud mir-rappreżentazzjonijiet batew mill-ħsara li ssir fuq il-ġebla bi ħtija ta' ħadd.

Id-drawwa ta' l-inqix tal-graffiti hi wirt kulturali u li jagħti identità lil gżejjer Maltin. Dan hu teżor moħbi ta' missirijietna li s'issa kważi ħadd ma ta kas tiegħu u għalhekk, minkejja li baqa' mijiet kbar imxerrdin mal-gżejjer Maltin, mijiet oħra ntilfu ħtija tan-nuqqas ta' tagħrif dwar l-istorja tagħhom.

M'hemmx x'tagħmel ħlief taqbad programm ta' edukazzjoni biex bih wieħed jgħallem b'mod speċjali liż-żgħażagħ tagħna biex iħalluhom kif isibuhom u mhux iħassruhom b'simboli moderni li joborxu fuqhom. U min hu responsabbli ta' postijiet bħal dawn ma jkunx ħafif li jbajjad, jiżbogħ, jiksi jew jibdel il-ġebla qabel ma jkun sar studju fuq xi graffiti li jista' jkun hemm mal-ħitan. Waqt li ma jitwaqqaf l-ebda programm ta' restawr b'danakollu, ta' min qabel jibda x-xogħol jagħti kas tal-graffiti li jista' jkun hemm ma' xi ħitan ta' xi proġett. Min ma jafx irid jitgħallem. Ħasra li bosta u bosta proġetti swew biex għadd kbir ta' graffiti għebu għal kollox taħt is-siment, brix goff bis-*sanders* u bil-bdil ta' kantuni, jew partijiet minnhom, li fuqhom kien hemm il-graffiti ta' bastimenti Maltin .

---

*1 Xogħol bħal dan deher minn J., Muscat, 'Graffiti on the Exterior Walls of St. Paul's Shipwreck Church, Wied il-Qliegħa, Mosta' f' Melita Historica, vol.xii, no.2, (Malta, 1997), pp.179-194*

*2 L-awtur żar mhux inqas minn disgħin post li fihom sab il-graffiti u hekk seta' jagħmel paragun bejn il-kwalità ta' xi wħud minnhom imqabblin ma' oħrajn.*

*3 Dan il-fenomenu ssibu wkoll fil-każ tal-wegħdi ex voto.*

*4 Fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, il-Belt wieħed jista' jara stela li fuqha tidher l-id merfugħa 'l fuq.*

*5 L-irħama li wieħed jara mal-faċċata ta' xi knisja bil-kliem Non Gode... tfisser li dik il-knisja ma baqgħetx tgawdi l-immunità.*

*6 Fit-Tuneżija, per eżempju, għadek tista' tara l-id ta' Fatma fi tpinġija ma' xi kabina ta' xi dgħajsa tas-sajd għar-risq it-tajjeb.*

*7 J. Muscat, Graffiti Marittimi Maltin, (Malta, 2002), passim, jagħti tagħrif sħiħ dwar il-graffiti marittimi li nstabu s'issa fil-gżejjer Maltin.*

*8 Għal tagħrif fit-tul dwar il-galera ara J., Muscat, The Maltese Galley, (Malta, 1998, u t-tieni edizzjoni, 2000), passim.*

*9 Il-logħba tat-trija nstabet f'postijiet oħra f'Malta u f'Għawdex bħal m'huma l-Ħabs il-Qadim, Għawdex u l-Kastellanija, il-Belt.*

*10 D. Woolner, 'Graffiti of Ships at Tarxien, Malta', f' Antiquity, xxxi, 1957, 62-66*

*11 J. Muscat, 'Ship Graffiti - A Comparative Study' f'Journal of Mediterranean Studies, (Malta, 1999), vol.ix, no.1, p.85*

*12 NLM LIB 211, f. 282, 283*